

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Taħriġ Tal-professjonisti Tal-ġustizzja](#) > [Politika dwar it-taħriġ ġudizzjarju tal-UE](#)

Politika dwar it-taħriġ ġudizzjarju tal-UE

It-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja dwar id-dritt tal-UE huwa għodda essenzjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u effettiva tad-dritt tal-UE, biex trawwem il-fiduċja reċiproka fost il-professjonisti tal-ġustizzja fi proċedimenti transfruntiera u biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-valuri u l-prinċipji tal-UE, bħall-istat tad-dritt. Għandu l-għan li jippermetti lill-professjonisti kollha tal-ġustizzja (imħallfin, prosekuturi, nutara, bailiffs, uffiċjali tal-probation, persunal tal-ħabs) jaraw ir-rwol tad-dritt tal-UE fil-prattika tagħhom, jagħtuha effett sħiħ u jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-UE fi proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali u transfruntiera.

It-taħriġ ġudizzjarju Ewropew huwa essenzjali għall-ġuristi kollha, bħall-persunal tal-qorti, l-avukati, is-solicitors (avukati li ma jipprattikawx il-qorti), il-marixxalli tal-qorti, in-nutara u l-medjaturi u b'mod partikolari l-imħallfin u l-prosekuturi.

It-Trattat ta' Lisbona ta lill-Unjoni Ewropea (UE) kompetenzi biex tappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali permezz tat-“taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju”. Minn dak iż-żmien 'l hawn, it-taħriġ ġudizzjarju dwar id-dritt tal-UE tejjeb l-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dritt tal-UE u bena fiduċja reċiproka fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, u b'hekk għen fl-iżvilupp tal-ispazju ġudizzjarju tal-UE.

Fl-2011, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni “Inkattru l-fiduċja f'Ġustizzja Ewropea, dimensjoni ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew”, li skadiet fl-2020. L-għan ta' din il-komunikazzjoni kien li tagħti dimensjoni ġdida lit-taħriġ ġudizzjarju Ewropew u li tħarreġ nofs (800 000) il-professjonisti kollha tal-ġustizzja fl-UE sal-2020. Bis-saħħa tal-impenn konġunt b'saħħtu tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-fornituri tat-taħriġ nazzjonali u tal-UE kif ukoll il-professjonisti tal-ġustizzja individwali, dan l-għan diġà ntlaħaq fl-2017, sentejn qabel l-iskeda.

Fl-2019, il-Kummissjoni adottat l-[evalwazzjoni tal-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju 2011-2020](#). Hija wriet li l-istrateġija għenet biex jiżdied l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ, iżda ppromoviet ukoll tipi ġodda ta' attività, bħal programmi ta' skambju. Hija għenet biex jittejjeb it-taħriġ dwar id-dritt tal-UE għal diversi kategoriji ta' professjonisti tal-ġustizzja, speċjalment l-imħallfin u l-prosekuturi. Bniet ukoll il-kapaċitajiet ta' networks bħan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u saħħet in-networks u l-fornituri tat-taħriġ fil-livell tal-UE.

Ir-rapport statistiku annwali tal-2020 dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew juri li fl-2019, l-għadd ta' professjonisti mħarrġa fil-qasam tal-ġustizzja baqa' f'livell għoli ħafna b'aktar minn 182 000 professjonist tal-ġustizzja li jirċievu taħriġ dwar id-dritt tal-UE. Madankollu, għad hemm differenzi fil-livell ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ madwar l-Istati Membri u f'diversi professjonijiet tal-ġustizzja.

Filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda u l-iżviluppi l-ġodda mill-adozzjoni tal-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2011-2020, il-Kummissjoni Ewropea implimentat pakkett komprensiv ta' taħriġ ġudizzjarju li għandu l-għan li jappoġġa saħansitra aktar is-sistemi tal-ġustizzja u professjonisti tal-ġustizzja, u jagħmilhom adatti għall-isfidi tas-seklu 21 u għall-iżviluppi kostanti tad-dritt tal-UE:

- [Strateġija Ewropea ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024](#),

- [id-disa' rapport annwali tal-2020 dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew](#) tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi,
- u t-tnejdja tal-[Pjattaforma Ewropea għat-Taħriġ \(ETP\)](#) fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

L-istrateġija l-ġdida, fil-qalba tal-pakkett ta' taħriġ, tistabbilixxi għanijiet ta' taħriġ ambizzjużi ġodda u prijoritajiet ġodda:

- L-istrateġija l-ġdida tistabbilixxi objettivi operazzjonali ġodda mfassla għall-ħtiġijiet tal-professjonijiet differenti tal-ġustizzja.
- Hija tiffoka fuq udjenza fil-mira usa' u kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi ġodda f'konformità mal-ħtiġijiet tal-professjonisti tal-ġustizzja.
- It-taħriġ ġudizzjarju għandu saħnsitra jipromwovi aktar il-kultura komuni tal-istat tad-dritt, jirrispetta d-drittijiet fundamentali, itejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja u jmur lil hinn mill-edukazzjoni legali u jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet professjonali filwaqt li jiżgura li offerti ġodda ta' taħriġ isiru disponibbli malajr bi tweġiba għal ħtiġijiet ġodda ta' taħriġ.
- Il-prijorità hija t-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi iżda l-professjonisti kollha tal-ġustizzja huma kkonċernati: il-persunal tal-qorti, l-avukati, in-nutara, il-bailiffs, il-medjaturi, l-interpreti u t-tradutturi legali, l-esperti tal-qorti u f'ċerti sitwazzjonijiet il-persunal tal-ħabs u l-uffiċjali tal-probation. B'mod partikolari, it-taħriġ tal-persunal tal-qorti u tal-avukati għadu lura u għandu jiġi indirizzat. Il-persunal tal-ħabs u l-uffiċjali tal-probation huma udjenza fil-mira ġdida li ma kinitx koperta mill-istrateġija preċedenti.
- L-istrateġija tiffoka fuq il-professjonisti tal-ġustizzja tal-UE iżda tappoġġa wkoll il-prospetti tal-Balkani tal-Punent fis-sħubija fl-UE u ta' pajjiżi mhux Ewropej, b'mod partikolari fl-Afrika u l-Amerika Latina fit-tiħiħ tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
- Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa proġetti ta' taħriġ transfruntiera ta' kwalità għolja dwar id-dritt tal-UE bl-użu tal-fondi differenti tal-UE disponibbli bħall-programmi futuri dwar il-Ġustizzja u ċ-Ċittadinanza, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri.

Il-kisba ta' dawn l-objettivi hija responsabbiltà konġunta tal-partijiet ikkonċernati kollha. L-Istati Membri, il-Kunsilli għall-ġudikatura, [il-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju nazzjonali](#) u [Ewropej](#), u l-professjonijiet tal-ġustizzja fil-livell nazzjonali u Ewropewiridu jkunu impenjati biex jintegraw id-dritt tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu fit-taħriġ nazzjonali u lokali u biex iżidu l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ fid-dritt tal-UE u l-għadd ta' parteċipanti li jattendu dawn is-sessjonijiet.

Teħid ta' azzjoni

Il-Kummissjoni se żżomm l-impenn b'saħħtu tagħha għat-taħriġ ġudizzjarju sabiex tiżgura l-kontinwazzjoni tal-kisbiet u tindirizza l-isfidi ġodda f'konformità mal-ħtiġijiet tal-professjonisti tal-ġustizzja. It-taħriġ ġudizzjarju Ewropew huwa suġġett ġenerali u għodda li tiżgura l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-politika tal-ġustizzja tal-UE. Dan għandu jkun rifless fil-biċċa l-kbira tal-inizjattivi fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera kif ukoll fil-konnessjoni mal-inizjattivi tal-Istat tad-Dritt.














Aktar informazzjoni dwar l-għajnuna finanzjarja Ewropea għall-proġetti ta' taħriġ ġudizzjarju Ewropew tinsab fis-siti web tad-[Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi](#) id-[Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni](#), [id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni](#) u [l-Affarijiet Interni](#) u [l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi \(OLAF\)](#).

B'mod kumplimentari għall-istrateġija l-ġdida, il-Kummissjoni nediet il-[Pjattaforma Ewropea għat-Taħriġ \(ETP\)](#). L-ETP hija għodda ta' tiftix li tippermetti lill-professjonisti tal-ġustizzja jsibu korsijiet ta' taħriġ dwar id-dritt tal-UE organizzati fl-UE u materjal ta' taħriġ biex jitħarrġu huma stess. Il-professjonisti tal-ġustizzja se jkunu jistgħu jfittxu f'din il-pjattaforma korsijiet ta' taħriġ dwar id-dritt tal-UE u jżommu ruħhom aġġornati dwar l-attivitajiet ta' taħriġ li jsiru f'lingwi differenti. L-ETP ġiet mnedija bħala l-ewwel fażi ta' ttestjar fl-2021 bil-parteċipazzjoni tal-erba' fornituri rikonoxxuti tat-taħriġ ġudizzjarju fil-livell tal-UE: in-[Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju \(EJTN\)](#), [l-Akkademja tal-Liġi Ewropea \(ERA\)](#), [l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika \(EIPA\)](#) u [l-Istitut Universitarju Ewropew \(EUI\)](#). Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-pjattaforma b'materjal ta' taħriġ aġġornat u lest għall-użu jew b'manwali prodotti b'mod partikolari bis-saħħa tal-appoġġ finanzjarju tal-UE.

Valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali

Il-Kummissjoni tippubblika rapport annwali bl-Ingliż dwar il-parteċipazzjoni tal-ġuristi f'taħriġ fid-dritt tal-UE fl-



Unjoni Ewropea:

- [Rapport tal-2024](#)  (4784 Kb)
- [Rapport tal-2023](#)  (5234 Kb)
- [Rapport tal-2022](#)  (2646 Kb)
- [Rapport tal-2021](#)  (3912 Kb)
- [Rapport tal-2020](#)  (3272 Kb)
- [Rapport tal-2019](#)  (2692 Kb)
- [Rapport tal-2018](#)  (2588 Kb)
- [Rapport tal-2017](#)  (3019 Kb)
- [Rapport tal-2016](#)  (1515 Kb)
- [Rapport tal-2015](#)  (1742 Kb)
- [Rapport tal-2014](#)  (1927 Kb)
- [Rapport tal-2012](#)  (2265 Kb) , ippublikat fl-2013,
- [Rapport tal-2011](#)  (512 Kb) , ippublikat fl-2012.

Il-Kummissjoni ilha mill-2013 tappoġġa AIAKOS, programm ta' skambju ta' ġimagħtejn għall-imħallfin u l-prosekuturi ġodda ġestit min-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN). Żviluppat miżuri komplementari, billi ppromoviet ir-rwol ta' appoġġ tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika u billi abbozzat linji gwida prattiċi, pereżempju dwar il-metodoloġiji ta' taħriġ u l-proċess ta' evalwazzjoni.

Fl-2013-2014, il-Kummissjoni wettqet proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew propost mill-Parlament Ewropew biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki fit-taħriġ tal-ġuristi fid-dritt tal-UE. Ir-riżultati ġew ippublikati hawnhekk:

- Studju dwar l-Aħjar Prattiki fit-taħriġ ta' imħallfin u prosekuturi, assenjat lin-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN):

Ir-rapport huwa disponibbli [bl-Ingliż](#)  (1619 Kb) . Is-sommarju eżekuttiv huwa disponibbli [b'Ingliż](#) (593 Kb) u [bil-Franċiż](#)  (589 Kb) .








L-iskedi informattivi dwar prattiki tajba ta' taħriġ huma disponibbli fit-taqsimha "prattiki tajba" tal-Portal. Dawn se jgħinu lill-ħarrieġa u lill-fornituri tat-taħriġ tal-professjonijiet legali kollha jtejbu l-prattika tagħhom dwar kwistjonijiet bħall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ, il-metodoloġija ta' taħriġ jew l-evalwazzjoni.

- Studju dwar is-sitwazzjoni attwali ta' taħriġ tal-avukati fid-dritt tal-UE, assenjat lill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) u ċ-Ċentru Ewropew tal-EIPA għall-Imħallfin u l-Avukati:



Ir-rapport huwa disponibbli f'[rivista interattiva](#)  (2857 Kb) u f'[format pdf](#)  (1807 Kb) bl-Ingliż. Is-sommarju eżekuttiv huwa disponibbli [bl-Ingliż](#)  (1064 Kb) u [bil-Franċiż](#)  (1378 Kb) .

L-iskeda informattiva dwar is-sistemi ta' taħriġ tal-avukati fl-Istati Membri kollha tal-UE huma ppreżentati fit-taqsimha tal-Portal dwar it-taħriġ ta' ġuristi fil-livell nazzjonali. Dawn jistgħu jgħinu lill-kmamar tal-avukati u l-awtoritajiet tal-avukati nazzjonali jivvalutaw l-isfond ta' taħriġ ta' kull avukat applikant li jixtieq jeżerċita d-dritt tiegħu għal-libertà ta' stabbiliment fl-UE.

Uħud mill-annessi tar-rapport huma disponibbli hawnhekk bl-Ingliż bħal:

- [anness B - riżultati mill-konsultazzjoni](#)  (2140 Kb)
 - [anness H: kwestjonarju 1 dwar is-sistemi ta' taħriġ](#)  (164 Kb) u [l-ispjegazzjonijiet tiegħu](#)  (163 Kb) ,
 - [kwestjonarju 2 dwar il-fornituri tat-taħriġ](#)  (286 Kb) u [l-ispjegazzjonijiet tiegħu](#)  (234 Kb)
 - [kwestjonarju 3 dwar prattiki tajba ta' taħriġ](#)  (190 Kb) u [l-ispjegazzjonijiet tiegħu](#)  (62 Kb) .
- Is-sit web tal-proġett huwa aċċessibbli [hawnhekk](#).

- Studju dwar is-sitwazzjoni attwali tat-taħriġ tal-persunal tal-qorti fid-dritt tal-UE u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-fornituri tat-taħriġ għall-persunal tal-qorti fil-livell tal-UE, assenjat lil konsorzju taċ-Ċentru Ewropew tal-EIPA għall-Imħallfin u l-Avukati, Justice Coopération Internationale (JCI, Franza), iċ-Centro de Estudios Juridicos (Spanja), il-Krajowa Szkoła Sądownictwa i Prokuratury (il-Polonja) u Sachsen Staatsministerium der Justiz und für Europa (il-Ġermanja):

L-istudju huwa disponibbli [bl-Ingliż](#)  (1379 Kb) . Is-sommarju eżekuttiv huwa disponibbli [b'Ingliż](#) (909 Kb) u [bil-Franċiż](#)  (893 Kb) . Ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju biex jitjeb it-taħriġ tal-persunal

tal-qorti huma disponibbli [bl-Ingliż](#) (938 Kb) u [bil-Franċiż](#) (950 Kb) .

Sommarju tal-kompiti u r-rwoli ewlenin tal-persunal tal-Qorti tal-UE jinsab [f'din it-tabella](#) (383 Kb) . Id-deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti tal-persunal tal-qorti f'kull Stat Membru se tiġi ppubblikata dalwaqt fil-paġni tal-Istati Membri tal-Portal.

Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' taħriġ tal-persunal tal-qorti fl-Istati Membri se tiġi ppubblikata fit-taqsimha [Taħriġ tal-ġuristi fil-livell nazzjonali](#) tal-Portal.

- Proġett li jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati ġudizzjarji kkonċernati mit-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, assenjat lill-EJTN.

Dan ir-rapport huwa disponibbli [bl-Ingliż](#) (1499 Kb) . Is-sommarju eżekuttiv huwa disponibbli [bl-Ingliż](#) (631 Kb) u [bil-Franċiż](#) (630 Kb) .

L-iskedi informattivi dwar ir-rwol tan-networks ġudizzjarji fit-taħriġ fil-livell Ewropew huma disponibbli fit-taqsimha [“Netwerks u strutturi tat-taħriġ tal-UE”](#) tal-Portal.

Kuntest

Fl-2006, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat [Komunikazzjoni](#) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-taħriġ ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea.

Fl-2008 ġiet adottata [Riżoluzzjoni](#) tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri waqt laqgħa fil-Kunsill, dwar it-taħriġ tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-persunal ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea.

Fl-2009, il-Parlament Ewropew ippubblika [studju dwar it-tisħiħ tat-taħriġ ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea](#) (553 Kb) , bil-Franċiż.

Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2009 ipprova bażi legali għall-attivitajiet marbuta mat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew. L-Artikoli 81 u 82 jelenkaw “l-appoġġ għat-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju” fost il-miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali u kriminali.

F'Diċembru 2009, il-Kunsill adotta l-[Programm ta' Stokkolma](#) li jiffoka fuq il-kwistjoni ta' taħriġ ġudizzjarju Ewropew għall-ġuristi kollha.

Fil-[Pjan ta' Azzjoni](#) tal-Programm ta' Stokkolma u r-[rapport](#) dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tal-2010, il-Kummissjoni ddikjarat it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew bħala prijorità. Il-Parlament Ewropew saħaq ukoll b'mod konsistenti li taħriġ ġudizzjarju xieraq jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tat-tħaddim tas-suq intern u jagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-[drittijiet](#) tagħhom.

Fi tmien l-2010, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kif ukoll mal-Istati Membri, il-membri tal-Forum tal-Ġustizzja, u [n-netwerks u strutturi tat-taħriġ tal-UE](#) u l-membri tagħhom. Sommarju tal-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni jinsab [hawnhekk](#) (192 Kb) .

Fit-13 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea approvat il-Komunikazzjoni [“Inkatru l-fiduċja f'Ġustizzja Ewropea, dimensjoni ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew”](#).

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 u t-28 ta' Ottubru 2011 dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew ([disponibbli bl-Ingliż](#)), il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ħeġġeġ li ta' kull sena tinqasam informazzjoni mal-Kummissjoni dwar taħriġ disponibbli fid-dritt tal-UE u l-għadd ta' ġuristi mħarrġa, u talab lill-Kummissjoni tikkunsidra tippreżenta rapport annwali dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew.

Fl-2012, il-Parlament Ewropew ippropona proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, bil-għan li jikkontribwixxi għal:

- l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-professjonisti tal-ġustizzja fis-sistemi u t-tradizzjonijiet legali nazzjonali kif ukoll fid-dritt tal-Unjoni,
- l-identifikazzjoni tal-aktar modi effettivi fl-għoti ta' taħriġ fid-dritt tal-UE u s-sistemi legali nazzjonali lill-imħallfin, il-prosekuturi u l-professjonisti tal-ġustizzja f'livell lokali u l-promozzjoni tad-djalogu u l-koordinament bejn l-imħallfin u l-prosekuturi tal-UE,
- l-inkoraġġiment tal-fornituri tat-taħriġ ġudizzjarju tal-UE biex jaqsmu l-ideat dwar l-aħjar prattiki u jxerduhom madwar l-UE, u

- it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-EJTN u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju. Dan se jinvolti fornituri tat-taħriġ bħall-Akkademja tal-Liġi Ewropea, u organizzazzjonijiet professjonali fil-livell Ewropew bħan-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, in-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u l-Ġuriżdiżjonijiet Amministrattivi Supremi u n-Network tal-Prosekuturi Ġenerali tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE.

F'Novembru 2013, il-Viċi President Reding tat diskors bl-Ingliż waqt is-sessjoni ta' ħidma tal-Parlament Ewropew dwar "[It-taħriġ ġudizzjarju: għodda essenzjali għall-eċċellenza ġudizzjarja Ewropea](#)".

F'Ġunju 2016, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) adotta disa' prinċipji ta' taħriġ ġudizzjarju, kemm bħala bażi għall-ġudikatura biex jiġġestixxu l-ħtiġijiet tat-taħriġ tagħhom u bħala qafas għall-fornituri tat-taħriġ biex jippjanaw u jagħtu taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi. Il-prinċipji jindirizzaw kwistjonijiet bħad-dritt għat-taħriġ ġudizzjarju matul il-ħin tax-xogħol, responsabbiltà biex jiġu provduti r-riżorsi meħtieġa, taħriġ inizjali obligatorju fil-bidu tal-karriera, l-użu ta' metodi moderni ta' taħriġ u l-inklużjoni ta' kwistjonijiet tekniċi u mhux legali fost is-suġġetti tat-taħriġ. It-test tal-prinċipji u l-informazzjoni ta' sfond jinsabu hawnhekk [bl-Ingliż](#) u [bil-Franċiż](#).

Fl-2019, il-Kummissjoni adottat l-[evalwazzjoni tal-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju 2011-2020](#). L-evalwazzjoni u l-edizzjoni tal-2019 tar-rapporti annwali tad-DĠ JUST, bi statistika u ċifri dwar il-parteċipazzjoni tal-professionisti tal-ġustizzja fit-taħriġ dwar id-dritt tal-UE, juru li l-oġġettivi b'mod ġenerali nkisbu b'mod effiċjenti. L-evalwazzjoni wriet li:

- L-oġġettiv ewlieni tal-Komunikazzjoni tal-2011, li nofs (800 000) il-professionisti kollha tal-ġustizzja tal-UE għandhom jattendu taħriġ dwar id-dritt tal-UE bejn l-2011 u l-2020, diġà ntlaħaq fl-2017, sentejn qabel l-iskeda.
- Matul is-snin, kważi l-kategoriji kollha ta' Prattikanti tal-ġustizzja fil-mira laħqu l-mira annwali ta' 5 % ta' Prattikanti mħarrġa għal kull professjoni.
- L-istrateġija mhux biss għenet biex jiżjed l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ, iżda ppromoviet ukoll tipi ġodda ta' attività, bħal programmi ta' skambju.
- L-oġġettiv ta' 1,200 skambju ġudizzjarju kull sena nqabeż u l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ żdied b'mod kostanti.
- Is-suċċess tal-programm AĦAKOS jirrappreżenta progress sostanzjali lejn l-oġġettiv li l-imħallfin u l-prosekuturi li għadhom kif inħatru għandhom jieħdu sehem fi skambju organizzat minn istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju.
- L-istrateġija wasslet għal kważi l-irduppar tal-fondi totali disponibbli għat-taħriġ tal-professionisti tal-ġustizzja permezz ta' programmi tal-UE.
- U għenet biex jinbnew il-kapaċitajiet ta' networks bħan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u jissafu n-networks u l-fornituri tat-taħriġ fil-livell tal-UE bħall-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) u l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA, il-Lussemburgu).

Studji relatati

[Strengthening judicial cooperation in the European Union](#)  (1694 Kb) , 2009, bil-Franċiż

[Judicial training in the EU Member States](#), 2011, bl-Ingliż

Sessjoni ta' ħidma tal-Parlament Ewropew dwar "It-taħriġ tal-ġuristi: it-tagħlim tad-dritt tal-UE u s-sengħa tal-imħallef": [Session I – Learning and Accessing EU Law: Some Best Practices](#) u [Session II – Improving Mutual Trust](#) (bl-Ingliż), 2013

L-aħħar aġġornament: 10/01/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.